MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Rikors Numru. 714/2011

**Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**

**vs**

**Adrian Borg**
**(I.D. Numru 374181 (M))**
**U**
**In rapprezentanza ta' Borvin Aluminium Ltd. (C – 38377)**
**Numru 2274/11 u skont verbal datat l-10 ta' Mejju, 2012, Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud gie sostitwit bil-kliem: "Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat is-26 ta' Lulju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti Borg ippremetta sintetikament is-segwenti:

1. Illi hu u s-socjeta` li qed jirrapprezenta kienu gew interpellati skont il-ligi mill-Kummissarju fuq riferit, illum Direttur Generali kif fuq indikat, li *ai termini* tal-artikolu 66 ta’ l-Att XXIII tal-1998 kellhom ihallsu lill-istess interpellant is-somma ta’ mitejn u tmintax –il elf, mija u sitta u tletin Ewro u erbgha u sittin centezmu, (€218,136.64), fi zmien jumejn mill-istess notifika;

2. Illi jsostni li ma nghata l-ebda raguni ghal tali talba;

3. Illi ghalhekk qed jitlob:

i. Illi t-talba hemm indikata tal-imsemmi Direttur Generali hi nfondata fil-fatt u fid-dritt;

ii. Illi di piu`, ser tigi effettwata verifika bil-ghan li jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom fir-rigward;

iii. Bl-ispejjez u b’rizerva ta’ azzjoni ulterjuri;

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali *de qu*o datata t-18 ta’ Novembru, 2011, li permezz taghha sintetikament wiegeb bil-mod segwenti:

1. Illi hu minnu li ntbaghtet l-ittra ufficcjali fuq riferita biex ir-rikorrenti odjerni jhallsu l-ammont hemm indikat;

2. Illi d-Direttur Generali de quo m’ghandu l-ebda obbligu jaghti r-ragunijiet ghat-talba tieghu;

3. Illi pero`, qabel ma kienet intavolata l-ittra ufficcjali riferita, kien diga ta’ “*breakdown*” tas-somma lilu dovuta;

4. Illi jirrizulta li kien hemm diversi inkontri bejn il-partijiet fejn gew diskussi l-modalitajiet tal-pagament li awtomatikament huma ekwivalenti ghall-ammissjoni li l-ammont pretiz hu effettivament dovut;

5. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra r-rikorrenti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi l-ammont komplessiv li r-rikorrenti Borg ghandu jhallas f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Borvin Aluminium Limited hu effettivament dovut *ai termini* tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi jirrizulta wkoll li stante li kien hemm ukoll procedura ta' natura kriminali deciza kontra r-rikorrenti mill-qorti appozita fit-12 ta' Jannar, 2011, l-istess rikorrenti u s-socjeta` li qed jirrapprezenta ma setghux juzufruwixxu ruhhom minn amnestija koncessa fir-rigward;

3. Illi l-partijiet involuti jirrizulta wkoll li kellhom diversi laqghat biex ifasslu metodu ta' pagament serju u accettabbli ghaz-zewg kontendenti izda r-rikorrenti Borg xorta ma ottemporax ruhu mal-istess skemi ta' pagament;

4. Illi ghalhekk l-ammont mitlub originarjament mid-Direttur Generali fl-ittra ufficcjali tieghu fuq riferita ghadu lilu dovut;

Ghaldaqstant, filwaqt li ghar-ragunijiet indikati din il-qorti takkolji t-twegibiet imressqa mid-Direttur Generali ntimat, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Adrian Borg f'ismu propriu u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Borvin Aluminium Limited, bl-ispejjez.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------